MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1931/1998/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**C. Micallef Contractors Limited u b'digriet tat-13 ta' Lulju, 1999, il-Qorti awtorizzat it-trasfuzjoni tal-Atti f'isem John Sammut bhala likwidatur tas-socjeta' konvenuta**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fit-12 ta' Ottubru, 1998, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-korproazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm569.38) rapprezentanti danni kkagunati mis-socjeta' konvenuta f'cable tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici u dana meta nhar l-14 ta' Dicembru, 1995, impjegat tas-socjeta' konvenuta waqt li kien qieghed ihaffer hdejn is-Soreda Hotel, fi Triq A. Cunningham, fil-Qawra, laqghat l-imsemmi cable, kif ukoll

s-socjeta' konvenuta thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar, 1997, tal-ittra bonarja tad-29 ta' Novembru, 1996, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda stante illi x-xogholijiet li ghamlet is-socjeta' konvenuta saru gewwa l-Hotel u bl-ebda mod ma setghet tkun taf illi kien hemm cable ta' l-eletriku gewwa l-lukanda. Jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta qatt ma tista' tkun responsabbli ghal xi haga li ma saritx skond is-sengha.
2) Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa esagerat u qed jigi kkontestat.
3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 1999, fejn ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem John Sammut bhala likwidatur tas-socjeta' konvenuta;

Rat l-eccezzjonijiet tal-likwidatur fuq imsemmi fejn eccepixxa:

1) Illi l-Korporazzjoni attrici trid tipprova illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni allegatament sofferti u trid tipprova wkoll l-ammont ta' danni allegatament sofferti.
2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru, 2002, fejn awtorzzat lis-socjeta' konvenuta sabiex tipprezenta n-nota ta' Eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta fejn invogat l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 bhala ostakolu ghall-azzjoni attrici. Dan l-Artikolu jippreskrivi t-terminu ta' sentejn ghall-azzjonijiet ta' danni wara hsarat involontarji.

Irrizulta mill-provi li l-incident in kwistjoni gara fl-14 ta' Dicembru, 1995, waqt xogholijiet illi kienu qed isiru mis-socjeta' konvenuta go art privata fl-entrata ta' Soreda Hotel, il-Qawra.

Is-socjeta' attrici ma kinitx notifikata b'dawn ix-xogholijiet u lanqas ma hargu permess ghalihom. Minkejja li x-xogholijiet kienu qeghdin isiru go art privata, l-permess mill-korporazzjoni attrici xorta kien mehtieg la x-xogholijiet kienu qeghdin isiru vicin *cables* tal-korporazzjoni attrici.

Mhuwiex kontestat li fil-fatt kienet is-socjeta' konvenuta li kienet qed twettaq dawn ix-xogholijiet.

Ikkunsidrat:

B'riferenza ghall-eccezzjoni ulterjuri, l-Qorti jidhrilha illi hemm mankanza procedurali illi minhabba fiha l-Qorti ma tistax tikkunsidra tali eccezzjoni. Bid-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 1999, l-atti gew trasfuzi f'isem John Sammut bhala stralcjarju tas-socjeta' konvenuta. Minn dik id-data, kwindi, kwalunkwe att ta' din il-kawza kellu jigi pprezentat f'isem dan John Sammut fil-kwalita' tieghu premessa.

Is-socjeta' konvenuta bhala wahda 'in liquidation' ma tistax tipprezenta atti u toqghod f'gudizzju. Madankollu, ir-rikors ghall-awtorizazzjoni ghall-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri sar f'isem is-socjeta' konvenuta, C. Micallef Contractors Limited, u l-istess Nota ta' l-Eccezzjonijiet gietipprezentata f'isem C. Micallef Contractors Limited.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi kemm ir-rikors kif ukoll in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet huma nulli u ma jistghux jigu kkunsidrati minnha.

L-istess jinghad ghan-Nota ta' l-Eccezzjonijet li hemm a Fol.19, fejn suppost kellhom jigu pprezentati f'isem John Sammut, izda hawn ukoll gew ipprezentati f'isem is-socjeta' C. Micallef Contractors Limited.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, illi ghal kull fini u effetti tal-ligi, John Sammut fil-kwalita' tieghu premessa huwa kontumaci.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, l-unika prova illi ghandha din il-Qorti huwa li s-socjeta' konvenuta kkawzat dannu lill-proprjeta' ta' l-Enemalta. Izda dwar il-"quantum" ta' dawn id-danni ma rrizulta xejn. Fil-fatt Silvio Decelis, a Fol. 33, jghid illi saru xi kuntatti bejn il-kumpanija u il-bank, pero' ma kienx jaf f'liema stadju waslu peress illi ma kienx involut. Qal illi l-ammont li qeghdin jitolbu f'dan l-Avviz ghadu pendenti. Ma giex esebit prospett biex jiggustifika l-ammont mitlub.

Carmelo Pace a Fol.36 xehed dwar il-meritu, izda hawn ukoll ma gewx migjuba provi dwar il-"quantum", dana minkejja li Pace stqarr li jkun jista' jesebixxi b'nota fi stadju ulterjuri l-prospett li jiggustifika l-ammont li gie reklamat fl-Avviz. Din in-nota qatt ma saret.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidhirlhiex illi l-korporazzjoni attrici lahqet dak il-grad ta' prova ghas-success ta' l-istanza taghha. Hemm wisq nuqqasijiet x'jigu kkunsidrati li jtellfu lil din il-Qorti mic-certezza morali bazata fuq il-

preponderanza tal-provi.  Dawn ta' l-ahhar huma veru miskini u ma jistghux iservu bhala bazi ghal ezitu favorevoli ghall-istanza attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi illi tichad it-talba tal-korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Deputat Registratur